MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 1099/2007

**Stephen Scicluna (ID Nru 461376M)**

**vs**

**Brian Degiorgio (ID Nru 438776M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephen Scicluna datata 22 ta' Ottubru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' skrittura privata ffirimata bejn il-kontendenti fil-11 ta' Marzu 2004 dokument "A", il-partijiet kienu ftehmu li tinxtara proprjeta` fuq isem il-konvenut u cioe` l-propjreta` bin-numru 2 u 3, Triq il-Madonna Tal-Angli, Haz-Zebbug, bl-intiza pero` illi din il-propjreta` kellha tinxtara u fil-fatt inxtrat bi flus appartenenti ghall-

kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-intiza li x-xoghlijiet involuti biex din id-dar tigi kkonvertita u titlesta ghall-bejgh kif ukoll l-ispejjez fuq dawn ix-xoghlijiet kellhom jinhargu, kif fil-fatt inhargu, fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti kif kellhom jinqasmu wkoll fi kwoti ndaqs il-profitti meta l-imsemmija proprjeta` tigi mibjugha.

Illi in effetti din id-dar giet mibjugha skond att ippubblikat min-Nutar Dr. Malcolm Mangion fl-4 ta’ Gunju 2007 ghall-prezz ta’ Lm72.500 (€168,879.97).

Illi l-kontendenti gia` ghamlu bejniethom il-kontijiet u r-rattizazzjoni tal-profitti li kienu ghamlu bejniethom il-kontendenti in segwitu ghal dan il-ftehim sabiex il-profitt li kull wiehed mill-kontendenti kellu jircievi a bazi ta’ l-istess, gew stabbiliti s-somma ta’ sbatax-il elf, tmien mija erbgha u ghoxrin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm17,824.89) ekwivalenti ghall-€ 41,520.82.

Illi l-intimat filwaqt li accetta li s-somma ta’ Lm17,824.89 (€41520.82) fuq indikata, hija c-cifra li hija dovuta minnu lir-rikorrenti, qed jirrifjuta li jhallasha u dan ghall-ebda raguni valida fil-ligi.

Illi fuq dik is-somma, mid-data ta’ meta l-ammont gie dovut u cioe` mill-ghada tal-att tal-bejgh tal-proprjeta` fuq riferita u meta allura l-intimat gie fil-pussess tal-prezz intier tal-bejgh, sad-data tallum iddekorrew l-imghaxijiet bit-8% ekwivalenti dawn l-imghaxijiet ghas-somma ta’ Lm543.50 (€1,266.01), sabiex is-somma totali dovuta mill-intimat lir-rikorrent sad-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors guramentat tammonta ghas-somma ta’ tmintax-il elf, tliet mija tmienja u sittin u tmienja u tletin centezmu (Lm18,368.38) [€42,786.83].

Illi fil-fehma tal-esponenti dan l-ammont huwa wiehed cert likwidu u skadut u l-intimat m’ ghandu l-ebda eccezzjoni x’ jissolleva ghat-talbiet rikorrenti.

Jghid l-intimat ghar-ragunijiet premessi u dawn li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors u dispensat mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167

et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimat ihallas lir-rikorrent s-somma ta' (Lm17,824.89) ekwivalenti ghall-€41,520.82 minnu dovuti lir-rikorrenti kif fuq intqal.

2. Tikkundanna *inoltre* lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' Lm543.50 (€1,266.01), imghax fuq l-istess ammont mill-5 ta' Gunju 2007 sat-22 ta' Ottubru 2007.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru:1525/2007 mahrug fit-12 ta' Ottubru 2007, tal-ittra nterpellatorja tat-8 ta' Awissu 2007 u tal-25 ta' Settembru 2007, Dok "B" u "C" rispettivament, u bl-imghaxijiet ulterjuri legali mit-23 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti u mmarkati bhala Dok "B" sa "C" kif jidher a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2007 u t-talba maghmula fl-istess seduta mill-attur sabiex fir-rigward tar-riferta datata 23 ta' Novembru 2007 dwar il-konvenut jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** fis-sens jigi ddikjarat tali riferta tindika li l-att gie rifjutat mill-persuna li kellha tirciviha minghand l-ufficjal tal-Qorti u b'hekk ikun hemm dikjarazzjoni li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u hin tar-rifjut tad-digriet.

Rat ix-xhieda tal-Marixxal Raymond Pace datata 5 ta' Dicembru 2007, l-affidavit ta' l-attur datat 24 ta' Dicembru 2007, u dak tal-konvenut datat 28 ta' Jannar 2008.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti u dak tas-7 ta' Frar 2008 fejn il-kawza thalliet ghall-provediment dwar jekk kienx hemm rifjut ta' notifika tal-konvenut u sabiex huwa hekk il-kaz jigi ddikjarat li saret notifika tal-konvenut b'atti tal-azzjoni attrici abbazi tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 187 (1) tal-Kap 12.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa provediment fuq it-talba attrici datata 27 ta' Novembru 2007 sabiex jigi ddikjarat li r-riferta li saret mill-ufficjal tal-Qorti fil-konfront tal-konvenut fit-23 ta' Novembru 2007 (fol. 14) tammonta ghar-rifjut *da parte* tal-konvenut sabiex jircievi att tal-Qorti u ghalhekk sabiex jigi ddikjarat a bazi tal-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** li effettivament dan jammonta ghall-notifika ta' l-istess att u b'hekk il-konsegwenti digriet jammonta ghall-prova ta' notifika ghall- finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** jipprovdi li meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficjal esekuttiv tal-Qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti nteressata u wara li tisma' lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha ta' l-incident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi mill-provi jirrizulta li fir-riferta negattiva maghmula mill-Marixxall Raymond Pace datata 23 ta' Novembru 2007 jinghad li huwa ma nnotifikax lill Brian Degiorgio peress li meta mar fl-indirizz moghti "*St. Julians Flat 6 Block D, Perry Court, B'Kara Road, St. Julians sibt il-bieb komuni miftuh u tlajt u staqsejt int Brian Degiorgio u qalli Iva biss u kif ghidltu Marixxal mill-Qorti ma fetahliex".*

Illi f'dan il-kuntest jinghad li r-riferta tal-Marixxall ghandha mportanza massima u dan peress li hija xhieda ta' dak li tghid (P.A. (JRM) – **"Joseph Pace vs Makaw Limited"** –

20 ta’ Frar 2003) u anke minhabba d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 188 tal-Kap 12** li jindikaw kif l-ufficjal tal-Qorti ghandu jindika li saret in-notifika jew in-nuqqas ta’ notifika ta’ l-istess att (**“Maltacom plc vs Emanuel Vella”** (A.C. – 5 ta’ Ottubru 2001) – u allura ghandu hekk jigi ndikat meta jkun hemm rifjut minn persuna li tircievi xi att tal-Qorti u dan anke minhabba l-konsegwenzi serji li dan jimporta.

Illi ntant jinghad li skond ix-xhieda tal-istess Marixxal moghtija minnu fil-5 ta’ Dicembru 2007, l-istess ufficjal tal-Qorti jghid li huwa stenna hames minuti u kif ra li hadd ma fetahlu l-bieb nizel isfel u ma rax l-isem tal-konvenut fuq il-qniepen ta’ barra, izda dak li ddeskriva bhala ragel anzjan qallu li Brian Degiorgio jghix hemm u urieh il-karozza allegatament tieghu. Jghid li kellem lill-attur li kien qed isegwih u meta mistoqsi jekk kienx qed jghid li l-att gie rifjutat huwa rrisponda li min kien hemm wara l-bieb ma kienx jaf u kkonferma minflok li huwa stenna u wara nizel isfel sabiex jara min kien joqghod hemm.

Illi hemm ix-xhieda ta’ l-attur li jghid li huwa segwa lil Marixxall izda fl-affidavit tieghu jammetti li huwa bl-ebda mod ma dahal mal-Marixxall fil-*flats* fil-hin li sar dan l-attentat ta’ notifika u b’hekk ma kienx mal-Marixxall quddiem il-bieb intern tal-flat imsemmi u allura fil-mument meta sar effettivament it-tentattiv tan-notifika.

Illi fil-verita’ jirrizulta li x-xhieda tal-attur ma taqbilx ma’ dik tal-Marixxall f’partijiet li din il-Qorti thoss li huma krucjali. Hekk l-attur jghid li qabel ma l-Marixxall tela’ fil-*flats* kellem lir-ragel anzjan u li lil dan semghu jghidlu li l-konvenut kien joqghod hemm u urieh il-karozza tieghu; jirrizulta pero’ lil din il-Qorti li l-ufficjal tal-Qorti qal li ma’ dan l-anzjan - li qatt ma gie iddentifikat - tkellem mieghu biss wara li hareg mill-*flats* imsemmija.

Illi jigi nnutat ukoll li l-istess attur jghid li huwa wara dan kellem lill-Marixxall u dan qallu li l-bieb tal-*flat* ma nfetahx meta qal lil min kien warajh li huwa kien Marixxall tal-Qorti u kellu xi karti ghalih. Mix-xhieda ta’ l-istess Marixxall u mir-riferta relattiva mkien ma jidher li l-istess Marixxall b’xi

mod qal li kellu xi karti ghall-istess Brian Degiorgio u lanqas jirrizulta li l-Marixxall qal dan id-diskors lill-attur.

Illi min-naha tieghu l-konvenut jichad li b'xi mod huwa naqas li jiftah il-bieb lill-Marixxall tal-Qorti, anzi jghid li jekk gie Marixxall ghandu huwa ma setax kien hemm ghaliex huwa kieku kien johrog; minn imkien mill-istess xhieda ma jirrizulta li l-konvenut rrifjuta xi att tal-Qorti.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li fuq kollox ma jirrizultax mir-riferta tal-Marixxall li l-konvenut irrifjuta xi att tal-Qorti **"Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et"** (A.C. – 16 ta' April 2004), u dan peress li l-istess riferta bl-ebda mod ma' jista' jinghad li din tindika li l-persuna li kellha tircievi l-istess att irrifjutat li tircivieh mill-ufficjal tal-Qorti. Dan huwa ta' importanza massima meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-artikolu tal-ligi li jesigi ghall-applikazzjoni ta' l-istess disposizzjoni li jigi ndikat tali rifjut minn persuna hemm indikata u dan anke mir-riferta tal-Marixxall; f'dan il-kaz l-istess riferta  tindika biss li l-bieb tal-*flat* ma nfetahx u ghalkemm kien hemm xi persuna wara l-bieb li indikat li l-konvenut kien joqghod hemm, ma jirrizultax lanqas li gie ppruvat li din il-persuna li kellmet lil Marixxall kienet il-konvenut. Fil-fatt l-istess Marixxall jghid testwalment li *"ma nistax nghid li hemm gew kien hemm Brian Degiorgio......ghax jiena ma rajtx Brian Degiorgio".*

Illi mhux hekk biss izda l-istess ufficjal tal-Qorti ma ndika la fir-riferta u lanqas fix-xhieda tieghu li huwa kellu xi atti sabiex jinnotifikahom lill-konvenut u li dan irrifjuta dawn l-atti u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat li l-konvenut irrifjuta li jircievi skrittura ndirrizata lilu minghand l-ufficjal tal-Qorti u ghalhekk l-elementi ndikati fl-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** ma jissussistux u allura t-talba attrici sabiex ir-riferta tat-23 ta' Novembru 2007 tigi ddikjarata li hija notifika skond il-ligi fit-termini tal-istess disposizzjoni ma hijiex qed tigi milqugha.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad it-talba attrici datata 27 ta' Novembru 2007** fis-sens li ma jirrizultax li l-elementi ndikati fl-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** gew ippruvati b'dan li ma jirrizultax li l-atti relattivi gew rifjutati mill-konvenut u allura ma hemmx lok li jigi ddikjarat li hemm notifika valida fil-konfront tal-konvenut u dan kollox kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' dan il-provediment riservati ghal sentenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------